# IL-PJAN TAL-LEZZJONI

**Kap 3: Nieħdu ħsieb xulxin**

**Lezzjoni 3.5: 'Għid kelma waħda u l-qaddej tiegħi jfiq.'**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jidentifikaw x'kien jagħmel Ġesù fil-ħajja normali tiegħu.
2. Jitgħallmu dwar kif kien jgħallem.
3. Jifhmu l-imġiba tiegħu mal-oħrajn.
4. Jisimgħu l-istorja taċ-Ċenturjun Ruman (Lq. 7, 1-10).

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**



- Stampa taċ-ċenturjun

Ic-centurjun

http://www.youtube.com/watch?v=Nf_Ky8q9tsk

I believe



http://www.youtube.com/watch?v=43JDzXY-5

- Vanġelu: Luqa 7, 1-10.
- Karta ta' taħriġ – 3.4

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu



- Ibda l-lezzjoni billi turi stampa taċ-ċenturjun.
- Staqsi min hu u x'jaħsbu li kien ikun ix-xogħol tiegħu.
- Spjega kif ċenturjun kien jikkmanda 100 suldat; li kien persuna importanti ħafna u l-ordnijiet li kien jagħti kien jigu obduti.

## Nisimgħu flimkien (Il-Pjan tal-lezzjoni)

- Aqra s-silta mill-Vanġelu (tista' tkun proġettata) u staqsi lill-istudenti x'jolqothom f'din is-silta.

  Oħroġ dawn il-punti:

  Iċ-Ċenturjun - umli, jirrispetta, jagħti d-dritta lil Ġesù, jemmn.

  Ġesù – ġentilezza, rispett, għajnuna li tah.
- Uri l-vidjow-klipp dwar il-grajja ta' dan iċ-Ċenturjun.
- Iftaħ il-ktieb tal-attivitajiet 3.4. Aqra u spjega s-silta mogħtija u fuq bażi ta' klassi ddiskuti u imla Attività A.
- Risposti: a) L-umiltà – il-fiducja – l-għaqal – l-imhabba.

  b) bħala bniedem kbir – ta' fiducja - li seta' jgħinu.

  c) għax kellu fidi kbira – għalkemm kien daqshekk importanti lil Ġesù ppreżentah bħala bniedem kbir.

  d) fidi kbira tieghu.
- Stieden lill-istudenti biex fi gruppi jiddiskutu u jaħdmu Attività B u wara ara li kulħadd ikun niżżel ir-risposti t-tajbin.
- Aqra Attività Ċ u oħloq diskussjoni għal din l-attività.

Risposti: Naħfirlu minn qalbi.

Inkun moħħi hemm u naf x'qed jingħad u jsir.

Ngħid il-verità.

Niftakar kemm tagħmel ommi għalija.

- Aqra Attività Ċ u oħloq diskussjoni għal din l-attività.
- Spiċċa l-lezzjoni billi tfakkar li min hu umli, hu maħbub minn kulħadd u qrib ta' Ġesù u paċi miegħu nnifsu.
- Uri d-diska: 'I believe'. Qabel tista' tispjega kif ħadd mhu waħdu. Irridu nemmnu li għandna Missier li jħobbna u qiegħed hemm biex jgħinna l-ħin kollu.

## Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Min ma jitkabbarx kapaċi jikseb dak li jrid fil-ħajja.
2. Meta nisimgħu sew u nneħħu l-preġudizzji nkunu kapaċi ngħixu aħjar.
3. L-imħabba vera hija meta taħseb fl-oħrajn.
4. L-imġiba mal-oħrajn trid tkun solidari.
5. Meta noqgħod inkejjel lil min ser ngħin, la nkun inħobb tassew u lanqas nikber jien.
6. Il-fidi tintwera tassew meta jiena ma nifhimx u xorta nibqa' miexja, ngħin u naqdi jew nagħmel li hemm bżonn.
7. Isiru midħla tal-istorja taċ-Ċenturjun – Lq 7, 1-10.
8. L-għaqal li wera dan il-bniedem li mar għand min seta' jgħinu tassew.
9. Il-premju li ħa talli kien tassew għaqli.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)



- Nafdaw lil min iridilna l-gid.

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc



- Il-Vidjow: Iċ-Ċenturjun

  http://www.youtube.com/watch?v=Nf_Ky8q9tsk

- Song: *I believe*

  http://www.youtube.com/watch?v=43JDzXY-53M

## Nitolbu



Sinjur Alla, agħtini l-grazzja li nemmen fik,

jiswieli x'jiswieli u li nibqa' nemmen u nobdi

lil min iridli l-ġid.